MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-1 ta' Diċembru, 2003

Rikors Numru. 1129/2002

**Rik Nru:  1129/02 JA**

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**-vs-**

**Frank Debono.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat u mahluf minn Alexander Cutajar fil-11 t' Ottubru, 2002 li bih l-bank attur ssottometta:

Illi l-Bank attur gie kanonizzat kreditur tal-konvenut skond sentenza tal-Qorti Civili Prim' Awla tat-3 t' Ottubru, eld disa' mija wiehed u disghin (1991) li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok "A" fis-somma ta' hames mija wiehed u disghin liri Maltin sebgha u erbghin centezmi (Lm591.47) oltre l-interessi legali kalkolabbli mill-wiehed u tletin (31) ta' Marzu elf disgha mija wiehed u disghin (1991) kif wkoll l-ispejjes legali ammontanti ghal tnejn u disghin liri Maltin sitta u tmenin centezmi (lm92.86) skond taxxa mahruga mill-Qorti hawn anness u mmarkata Dok "B";

Illi mid-data tas-sentenza sad-data ta' llum, il-konvenut ghamel pagamenti li jammontaw ghal hames mija hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm525) skond l-ewwel colonna intestata "deposits" fl-istatement hawn anness u mmarkat Dok C";

Illi minn dawn il-pagamenti, thallsu l-ispejjez skond it-taxxa Dok "B" hawn fuq riferita, kif wkoll l-imghaxijiet relattivi fuq bazi ta' "simple interest" bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%), u spejjez legali ulterjuri, inkorsi, in konnessjoni mad-diversi tentattivi sabiex is-sentenza tigi ezegwita, kif ukoll parti mis-sorte, kollox kif spjegat fl-imsemmi Dok "C";

Illi skond l-istess Dok "C" il-konvenut ghad fadallu jhallas lill-Bank rikorrenti sa llum tlett mija hamsa u sebghin liri Maltin sebgha u erbghin centezi (Lm375,47) mis-sorte, mija tmienja u disghin liri Maltin hamsa u sebghin centezmi (Lm198.75) bilanc minn somma akbar ta' interessi kkalkolati, bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) sat 12 ta' Settembru, 2002 (ara l-kolonna intestata "insert C/F fid-Dok "C") oltre l-imghaxijiet legali ulterjuri mit-tlettax (13) ta' Settembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv, u sitta u sittin liri Maltin tmienja u hamsin centezmi (Lm66.58) spejjez legali ulterjuri (ara l-kolonna intestata "legal fees c/f) b' kollox sitt mija u erbghin liri Maltin u tmenin centezmi (Lm640.80);

Illi ghaddew iktar minn hames snin minn meta t-titoli esekuttiv seta jigi esegwit.

Illi dan id-debitu ghadu dovut mill-konvenut u ghalkemm gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas u sahansitra gie pprezentat u ezegwit mandat ta' qbid numru 2874/97 kontra l-konvenut, li kopja tieghu huwa hawn anness u mmarkat Dok "D" huwa baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex toghgobha tirraviva d-drittijiet tal-Bank attur kontra l-konvenut u b' hekk l-istess kreditu jerga jsir titolu ezekuttiv skond il-ligi li jkun jista' jigi esegwit kontra d-debitur, dan taht il-provvediment li din l-Onorabbli Qorti toghgobha timponi.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-konvenut inkluz il-mandat ta' qbid kawtelatorja ppresentat kontestwalment ma' din il-procedura.

Rat li l-intimat ma' pprezenta ebda risposta nonostante li gie debitament notifikat.

Semghet l-Avukat tal-Bank attur.

Billi t-talba mhijiex kontradetta.

Tiddeciedi l-kawza billi tinqa' t-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------